

Paġna ewlenija>Sib professjonist legali>Sib espert

Sib espert

Belġju

I. Listi u reġistri ta' esperti

Huma biss dawk il-persuni li, b'deċiżjoni tal-Ministru tal-Ġustizzja jew tal-uffiċjal delegat mill-Ministru tal-Ġustizzja u fuq il-parir tal-Kummissjoni ta' Akkreditament, jiddaħħlu fir-reġistru nazzjonali tal-esperti tal-qorti u t-tradutturi, l-interpreti u t-tradutturi-interpreti ġuramentati li huma awtorizzati jkollhom it-titlu ta' espert tal-qorti u li jaċċettaw u jwettqu kompiti bħala esperti tal-qorti jew li jkollhom it-titlu ta' traduttur, interpretu jew traduttur-interpretu ġuramentat u li jwettqu kompiti ta' traduzzjoni jew interpretazzjoni fdati lilhom mil-liġi.

Il-persuni fiżiċi jiddaħħlu fir-reġistru msemmi jekk:

ikunu ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew ikunu legalment residenti hemmhekk;

ma jkunux ġew ikkundannati b'sentenza finali, anke jekk sospiża, għal reat kriminali li tirriżulta f'multa, f'xogħol jew fi priġunerija, bl-eċċezzjoni ta' kundanni għal reati kontra r-regolamenti tat-traffiku fit-toroq u kundanni li, fi-opinjoni tal-Ministru tal-Ġustizzja, ma jikkostitwixx b'mod ċar ostakolu għall-għoti ta' opinjonijiet ta' esperti fil-qasam tal-għarfien espert u l-ispeċjalizzazzjoni li fihom ikunu rreġistrati bħala esperti jew għat-tweġiq ta' xogħol ta' traduzzjoni jew interpretazzjoni minn tradutturi, interpreti u tradutturi-interpreti ġuramentati fil-lingwi li fihom ikunu rreġistrati bħala traduttur, interpretu jew traduttur-interpretu ġuramentat. Dan japplika b'analoġija għal persuni li jkunux ġew ikkundannati barra mill-pajjiż għal piena tal-istess natura b'sentenza li tkun saret *res judicata*; ikollhom mill-inqas 21 sena jekk ikunu traduttur, interpretu jew traduttur-interpretu ġuramentat;

jipprovdu evidenza li għandhom il-ħiliet professjonali u l-għarfien legali meħtieġa;

jiddikjaraw bil-miktub li huma għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet ġudizzjarji;

jipprovdu evidenza ta' kompetenza professjonali u għarfien legali;

jimpenjaw ruħhom li jkomplu jitħarrġu fil-qasam tal-kompetenza tagħhom;

jimpenjaw ruħhom li jirrispettaw il-kodiċi ta' etika stabbilit mir-Re, li jipprevedi tal-anqas il-prinċipji ta' indipendenza u imparzjalità;

ikunu hađu ġurament.

Is-Servizz Pubbliku Federali għall-Ġustizzja jgħestixxi r-reġistru u jaġġornah kontinwament.

Id-dħul fir-reġistru nazzjonali huwa validu għal perjodu ta' 6 snin, li jistgħu jiġu estiżi kull darba għall-istess perjodu. Għalissa, l-entrati huma provviżorji biss sakemm tiġi stabbilita l-kummissjoni tal-akkreditazzjoni. Il-kummissjoni tal-akkreditazzjoni bdiet il-ħidma tagħha fil-bidu ta' Ġunju 2019. Il-kważi 4,000 espert /traduttur/interpretu kollha se jkollhom jiġu eżaminati sat-30 ta' Novembru 2022.

Ġie stabbilit pjan tranżizzjonali li permezz tiegħu l-esperti li jaħdmu għall-awtoritajiet ġudizzjarji huma meħtieġa jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tiegħu mhux aktar tard minn 6 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-Liġi tal-10 ta' April 2014. B'riżultat ta' dan, ġie pospost għall-1 ta' Diċembru 2022.

Fl-24 ta' Diċembru 2020 daħlet fis-seħħ liġi ġdida tal-20 ta' Diċembru 2020 li ppermettiet lill-esperti kollha jiġu rreġistrati fil-bażi tad-*data* provviżorja. Ir-reġistrazzjoni provviżorja tagħhom hija limitata sat-30 ta' Novembru 2022.

Bħalissa, l-imħallfin biss għandhom aċċess għar-reġistru. Fil-futur, dan għandu jkun aċċessibbli għal kulħadd fuq is-sit web tas-Servizz Pubbliku Federali għall-Ġustizzja.

Sabiex jiġi inkluż fir-reġistru, l-espert irid juri li għandu l-kapaċità professjonali u l-għarfien legali meħtieġa (l-Artikolu 555/8, 4 tal-Kodiċi Ġudizzjarju).

Din il-prova tiġi pprovduta:

Fir-rigward tal-kompetenza professjonali:

għall-esperti tal-qorti, permezz ta' diploma miksuba fil-qasam tal-għarfien espert li fih l-applikant qed japplika għar-reġistrazzjoni bħala espert ġudizzjarju u bi prova ta' 5 snin esperjenza rilevanti matul it-8 snin ta' qabel l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni, jew fin-nuqqas ta' diploma, bi prova ta' 15-il sena esperjenza rilevanti matul l-20 sena ta' qabel l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni;

għat-tradutturi, l-interpreti u t-tradutturi-interpreti ġuramentati, kwalunkwe diploma miksuba jew evidenza ta' mill-inqas sentejn esperjenza rilevanti miksuba matul perjodu ta' 8 snin qabel l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni jew kwalunkwe evidenza oħra ta' għarfien tal-lingwa/i li fir-rigward tagħha jkun applikaw għar-reġistrazzjoni. L-esperti tal-qorti u t-tradutturi, l-interpreti u t-tradutturi-interpreti ġuramentati domiċiljati f'pajjiż ieħor tal-UE jistgħu jagħtu prova tal-kompetenza professjonali tagħhom billi jiġu rreġistrati f'reġistru simili f'pajjiżhom stess, u jridu jiprovdu prova ta' dan. Digriet Reġju li għandu jiġi adottat mill-Parlament Federali se jiddetermina l-obbligi ta' "taħriġ u edukazzjoni ulterjuri".

Fir-rigward tal-għarfien legali: ċertifikat maħruġ wara t-tmiem ta' kors ta' taħriġ li jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fid-**Digriet Reġju tat-30 ta' Marzu 2018**.

II. Remunerazzjoni tal-esperti tal-qorti

F'kawżi ċivili, it-tariffa tal-espert tal-qorti tiġi stabbilita mill-partijiet. Madankollu, il-qorti jkollha l-aħħar kelma u tista' tiddeċiedi li tnaqqas it-tariffa tal-espert tal-qorti propost.

F'materji kriminali, Digriet Reġju jiddetermina it-tariffa tal-esperti tal-qorti.

Il-partijiet ma jistgħux jiksbu għajnuna legali biex ikopru t-tariffa tal-espert.

III. Responsabbiltà tal-esperti tal-qorti

L-esperti tal-qorti huma responsabbli skont ir-regoli ġenerali (liġi ċivili/kuntrattwali). Ir-responsabbiltà tal-espert ma hijiex limitata bil-liġi.

IV. Aktar informazzjoni dwar il-proċedura ta' għarfien espert

Id-dispożizzjonijiet legali ewlenin applikabbli għall-għarfien espert ġudizzjarju fil-Belġju huma l-**Artikoli 962–991j tal-Kodiċi Ġudizzjarju Belġjan**: (test disponibbli bl-Olandiż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż).

Is-sistema legali Belġjana ma tagħmilx distinzjoni bejn tipi differenti ta' esperti iżda tinkludi biss l-esperti tal-qorti. Hija tagħmel distinzjoni biss bejn l-esperti tal-qorti minn naħa waħda u t-tradutturi/l-interpreti min-naħa l-oħra.

Dan it-titlu huwa protett.

1. Haħra tal-esperti

Skont il-Kodiċi Ġudizzjarju Belġjan, l-imħallfin u l-maġistrati istrutturi biss u/jew il-Prosekutur Pubbliku jistgħu jaħtru espert tal-qorti.

Madankollu, il-partijiet fil-kawża ma humiex ipprojbiti milli jitolbu l-opinjoni tal-espert tagħhom stess. Dan l-espert privat imbagħad jissejjaħ "konsulent tekniku". Il-liġi ma tirregolax l-intervent tiegħu.

L-Artikolu 962 tal-Kodiċi Ġudizzjarju Belġjan jistipula li: *"Sabiex isolvi tilwima mressqa quddiemu jew fil-każ ta' theddida oġġettiva u preżenti ta' tilwima, l-imħallef jista' jagħti struzzjonijiet lill-esperti biex jagħmlu sejbiet jew jagħtu opinjoni ta' natura teknika. L-imħallef jista' jaħtar l-esperti li l-partijiet ikunu qablu fuqhom. L-imħallef jista' jiddevja biss mill-għażla tal-partijiet b'deċiżjoni motivata."*

a) Ħatra minn qorti

Ma hemm l-ebda differenza bejn il-ħatra tal-esperti għall-finijiet ta' proċedimenti quddiem qorti ċivili jew kriminali. L-Artikoli 555/6 sa 555/16 tal-Kodiċi Ġudizzjarju huma applikabbli kemm f'materji ċivili kif ukoll f'materji kriminali (l-Artikolu 2 tal-Kodiċi Ġudizzjarju).

Flief fil-każijiet previsti fl-Artikolu 555/15 tal-Kodiċi Ġudizzjarju (f'każijiet ta' urġenza jew fejn ma jkun disponibbli l-ebda espert bl-għarfien espert u bl-ispeċjalizzazzjoni meħtieġa), il-qrati huma obbligati jaħtru espert irreġistrat fir-Reġistru Nazzjonali tal-Esperti Ġudizzjarji.

Il-qrati ċivili għandhom id-diskrezzjoni li jaħtru kwalunkwe espert mir-reġistru li huma jqisu xieraq għall-kompitu propost. Huma jistgħu jaħtru wkoll esperti magħżula mill-partijiet u ma jistgħux jiddevjaw minn din l-għażla mingħajr raġuni ġustifikata.

L-esperti għandhom obbligu legali li jivverifikaw li ma jkunux f'kunflitt ta' interess.

b) Ħatra mill-partijiet

Kull parti tista' titlob l-opinjoni tal-espert tagħha stess f'materji ċivili. Dan l-espert jissejjaħ "konsulent tekniku". Meta jaħtru "konsulent tekniku", il-partijiet ma humiex meħtieġa jsegwu xi regola jew proċedura partikolari.

2. Proċedura

Il-qorti għandha d-diskrezzjoni li tiddeċiedi jekk tkunx meħtieġa perizja għat-tilwima jew biex tiġi stabbilita l-verità.

Ir-rol tal-espert huwa li jagħti opinjoni lill-qorti bi tveġiba għall-kompitu speċifiku li tagħtihom il-qorti.

Il-qorti qatt ma tkun marbuta bl-opinjoni tal-espert.

Fi proċedimenti ċivili, il-qorti tissorvelja l-progress tal-opinjoni tal-espert u tiżgura li l-iskadenzi jiġu ssodisfati u li tinstema' x-xhieda tal-espert.

L-espert għandu jikkonforma mat-termini tal-kompitu tiegħu.

Il-partijiet jistgħu jikkontestaw ir-rapport billi jagħmlu dikjarazzjonijiet u jipprovdu kontroperizja.

L-esperti jistgħu jikkuntattjaw lill-partijiet matul il-proċedimenti iżda sabiex jiġi rrispettat il-prinċipju tad-dibattitu kontradittorju, kwalunkwe komunikazzjoni trid issir fil-preżenza tal-partijiet kollha.

a) Ir-rapport tal-esperti

L-espert jippreżenta r-riżultati tal-valutazzjoni tiegħu f'rapport.

Ir-rapport jinkludi l-preliminarji, ix-xogħol u s-sejbiet tal-espert kif ukoll il-konklużjonijiet tiegħu. Ikun jinkludi wkoll id-dokumenti kollha kkonsultati mill-espert.

Ir-rapport finali jiġi ppreżentat lill-qorti li tkun ħatret l-espert.

Fil-kawżi ċivili, jekk il-qorti ma ssibx il-kjarifiki meħtieġa, hija tista' tordna jew li l-istess espert jagħmel perizja supplimentari jew li tingħata opinjoni perizja oħra.

b) Is-smiġħ mill-qorti

Il-qorti tista' tisma' lill-espert fis-seduta. Fuq talba tal-espert jew tal-partijiet, l-imħallef jista' wkoll jisma' l-konsulenti tekniċi tal-partijiet.

L-aħħar aġġornament: 27/04/2023

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.